# XOGĦOL TA' KONSERVAZZJONI U RESTAWR FUQ IL-KWADRU 'SAN LAZZRU' FIL-BAZILIKA TA' SAN ĠORĠ MARTRI, RABAT.

GODWIN CUTAJAR dip. IAAR, ICR Roma.

**TEKNIKA U STORJA:**

Din is-sena sar xogħol ta' konservazzjoni u restawr fuq il-kwadru ta' San Lazzru li jżejjen l-artal tal-kappellun tal-lemin tal-Bażilika ta' San Ġorġ Martri. Il-kwadru, oriġinarjament, kien ta' daqs 310.5 x 231.5 cm. Hu maħdum fuq support magħmul minn tliet strixxi ta' xkora, identiċi fl-għamla tagħhom. Dawn l-istrixxi, kull waħda ta' wisgħa approssimattiv ta' 79 cm, huma meħjutin flimkien. Il-ħjata hi ta' ħxuna medja, kemmxejn miftuħa u b'dijametru li jvarja minn ħajta għal oħra. Fuq l-ixkora ngħatat preparazzjoni ta' lewn kannella, li hi wkoll ta' ħxuna medja. Il-preparazzjoni ġiet ippressata sewwa waqt l-applikazzjoni, għax ħafna minnha għaddiet għan-naħa ta' wara tas-support. Il-pittura ġiet imbagħad maħduma b'żebgħa taż-żejt, b'konsistenza li tvarja minn velaturi ħoxnin għal impasti aktar qawwija fejn l-aktar jaqa' dawl. Ta' min isemmi l-bravura li l-artist wera fix-xogħol tal-pinzell fil-figuri t'isfel. It-teknika tagħti karattru robust lill-kwadru, u dan donnu jsaħħaħ il-mument qawwi rappreżentat, jiġifieri l-ħruġ ta' Lazzru mill-qabar.

Qabel dan l-intervent preżenti ta' konservazzjoni, l-kwadru kellu ta' l-inqas intervent ieħor. Fil-fatt il-kwadru kien ġie mwaħħal fuq support li saħħah dak oriġinali. Dan is-support il-ġdid kien magħmul minn erba' strixxi ta' xkora meħjutin flimkien. Dawn l-istrixxi huma identiċi fl-għamla tagħhom, izda differenti fil-wisgħa: tlieta ta' wisgħa 68 cm u waħda ta' 35 cm. Il-kolla wżata kienet dik tradizzjonali, bażata fuq adesiv ġej mill-annimali. Dan il-proċcess, iż-żewġ ħjatat tas-support oriġinali,imbuttati 'l quddiem mis-support mizjud, ħadu xi ftit prominenza fuq il-pittura. Il-pittura ġiet imbagħad miġbuda u msammra b'imsiemer ta' l-injam fuq tilar fiss ta' l-injam ukoll. F'dan l-intervent, il-kwadru ġie mkabbar fuq il-lemin tiegħu b'wisgħa ta' 5 cm, żieda li ġiet provduta mix-xkora l-mizjuda.

F'mument suċċessiv, il-kwadru reġa' ġie mkabbar b'10.8 cm fl-għoli tiegħu. Iż-żieda, din id-darba, saret billi ssammret injama man-naħa t'isfel tat-tilar. L-imsiemer użati, din id-darba, huma tal-metall, tat-tip industrijali u b'tul ta' 15 cm. L-injama ġiet irtukkata b'mod li taqbel mal-parti t'isfel tal-kwadru. F'din iz-zona saru wkoll xi rtokku fuq il-pittura oriġinali, biex iż-żieda taqbel aktar mal-kuntest. Il-kwadru, jista' jkun li ġie mkabbar meta sarlu l-gwarniċ ġdid ta' l-irħam.

Il-lewn ikħal tal-mant ta' Kristu fil-kwadru ddeterjora tant illi l-mudellazzjoni tal-piegi spiċċat. Għalhekk kien ġie rtukkat. Il-kwadru għandu fuqu strat protettiv dizomoġenju ħafna.



**STAT TA' KONSERVAZZJONI:**

Strutturalment, l-istat ta' konservazzjoni tal-kwadru ma kienx ħażin żejjed. It-tilar, għalkemm kellu attakk ta' susa, kien għadu jiflaħ iġorr il-materja pittorika. Is-support mogħti mix-xkora l-miżjuda kien għadu tajjeb ukoll.

Mill-banda l-oħra, iżda, ippreżenta problema estetiċi. Fil-fatt, il-ħjatat tas-support oriġinali kienu promineti u prattikament jiddividu l-kwadru fi tliet biċċiet. Iż-żebgħa tal-kwadru hi arida, turi krettaturi forma ta' mħara, kif ukoll għadd ta' abrazjonijiet superfiċjali. L-irtokk qdiemu u skuraw. L-istrat protettiv tal-kwadru wkoll qdiem u sfar. Tul Iż-żmien, il-kwadru kien ġabar trab, qtar ta' xema' u materjal ieħor estranju għall-materja pittorika.

**INTERVENTI TA' KONSERVAZZJONI U RESTAWR:**

Ix-xogħol estentiv ta' konservazzjoni u restawr fuq il-kwadru sar kollu f'sal annessa mal-kumpless tal-Bażilika ta' San Ġorġ Martri. Ix-xogħol imbeda bi studju mill-qrib tal-kwadru u ta' l-aħjar interventi għall- konservazzjoni u r-restawr tiegħu. Ġie deċiż illi ż-żewġ linji vertikali dovuti għall-ħjata, (imsemmija qabel) jitbaxxew. Għal dan il-għan, is-support il-miżjud ġie mneħħi, u b'hekk, il-ħjatat fuq is-support oriġinali setgħu jiġu milħuqa u jitbaxxew. Il-kwadru , imbagħad, reġa' ġie mwaħħal fuq support miżjud ġdid li ħa post dak li kien tneħħa. F'dan l-intervent il-krettaturi ġew xi ftit imbaxxija. It-tilar il-qadim ġie mibdul b'wieħed ġdid, espandibbli u aktar robust, maħdum b'sengħa kbira mill-imgħallem mastrudaxxa s-Sur Ġorġ Gauci, mir-Rabat. It-tilar il-ġdid hu akbar minn ta' qabel għax inkludi ż-żieda li kienet saret fid-dimensjonijiet meta ġie mkabbar il-kwadru.

Wara dan, inbeda t-tindif tal-kwadru, jiġifieri t-tneħħija minn fuq il-pittura tal-varnić qadim u elementi oħra estranji għall-materja pittorika. Dan il-proċess sar b'mezzi kimiċi kif ukoll mekkaniċi; sfida teknika kienet it-tneħħija tal-ħmieġ mill-fondijiet taż-żengħa l-ħoxna. L-irtokki fuq il-mant ta' Kristu, peress li qed jieħdu post ta' mudellizzjoni li spiċċat, ma ġewx imneħħija

Irqajja' ta' żebgħa li kienu nieqsa mill-kwadru gew imbagħad irtukkati. Ġie deċiż li l-irtokki għandhom jingħażlu mill-oriġinal, u għalhekk intużat is-sistema 'a tratteggio'. Dan ġie applikat fuq l-irqajja' l-kbar, jiġifieri ż-żidiet fid-dimensjoni tal-kwadru. Irqajja' żgħar, li fuqhom mhux teknikament possibbli li jsir it-tratteggio, ġew mimlija b'velaturi. L-irtokk fuq il-mant ta' Kristu ġew aġġornati biex jidhlu aħjar fil-kuntest tagħhom. Fuq il-kwadru tħalla jidher qsim ta' żebgħa li ma ġiex rintegrat. Dan għaliex ma joffrix problemi, la strutturali u anqas estetiċi, u fl-istess ħin jindika l-mogħdija taż-żmien minn fuq din l-opra ta' l-arti. Il-kwadru ġie mogħti varnić ġdid li jipproteġi u jagħti lill-pittura dehra friska.

Dan ix-xogħol ta' konservazzjoni u restawr ġie segwit b'intelliġenża mill-W.R. Mons. Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ, Dr. Joseph Farruġia. Fil-fatt hu biss grażżi għall-ħeġġa kostanti tiegħu li dan ix-xogħol ġie mibdi u mitmum. ●